**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2024**

Rikors Numru: 34/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 659/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata iżżewġu nhar il-21 ta' Mejju, 1994;
2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ 'itfal u ċioe' D u E, ilkoll maggiorenni;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino nhar il-15 ta' Novembru, 2007; (ara kuntratt anness u mmarkat Dok B);
4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jgħixu ħajja independentement minn xulxin;
5. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet.
6. Illi l-partijiet m' ghandhom l-ebda propjeta' in komuni;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall- ksib ta' divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 t’April 2024;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti twieġeb li ma toġġezzjonax għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur b’dan li hija tibqa’ żżomm il-kunjom xbubitha “F” skont il-kuntratt tas-separazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta'Novembru 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi l-Qorti tilqa` t-talba tal-intimata biex tirriverti għal kunjom xbubitha skont il-kuntratt tas-separazzjoni u cioe` "F" qeghda tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-passi kollha f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.